MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 7/2010

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**N.M. Superstores Limited, John Anthony Grech, Andrew Grech u Mary Grech**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Jannar 2010 skond il-procedura sommarja specjali, is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf tlett mija u hmistax-il ewro u disgha u disghin centezmu (€144,315.99) minghand is-socjeta konvenuta u l-konvenuti l-ohra bhala garanti solidali. Dan wara li s-socjeta attrici kienet inghatat facilita bankarja, overdraft account bin-numru: 075-061671-001 lill-kumpannija konvenuta, u l-konvenuti l-ohra deheru bhala garanti personali taghha (ara wkoll kuntratt pubbliku datat 28 ta' Ottubru 2005 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani – fol.

40). Il-facilita li nghatat kienet fl-ammont ta’ mija u sittax-il elf erbgha mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67). Is-socjeta attrici ziedet tghid li fit-28 ta’ Settembru 2007 il-facilita bankarja saret *reducing only account* u dakinhar l-ammont dovut giet trasferit mill-kont fuq imsemmi ghal kont numru 075061671340 *‘reducing only’*. Is-socjeta attrici ddikjarat li l-konvenuti huma moruzi fil-hlas minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu, u jezistu l-elementi kollha mehtiega sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Fis-seduta tal-lum deher il-konvenuti Andrew u Mary Grech ma deherux sabiex jaghtu raguni ghalfejn ghandhom jinghataw il-fakolta li jiddefendu ruhhom, u ghalhekk huma kontumaci. Pero deher il-konvenut John Anthony Grech li filwaqt li ddikjara li hu direttur tal-kumpannija N.M. Superstores Limited, iddikjara wkoll li qieghed jammetta t-talbiet f’isem il-konvenuti kollha.

Id-difensuri tal-partijiet iddikjara li ghandha tinghata sentenza li tkun soggetta ghal kondizzjonijiet stipulati fl-ittra datata 8 ta’ Frar 2010 mahruga mis-socjeta attrici (Dok. GS1) minn fejn jirrizulta li ntlehaq qbil dwar il-modalita’ tal-hlas.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta attrici, inkluz li l-kawza tinstema bil-procedura sommarja specjali, u:-**

**1. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta N.M. Superstores Limited debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta’ mija u erbgha u erbghin elf tlett mija u hmistax-il ewro u disgha u disghin centezmu (€144,315.99).**

**2. Tiddikjara lill-konvenuti John Anthony Grech u Andrew u Mary konjugi Grech responsabbli *in solidum* flimkien mal-kumpannija konvenuta ghall-hlas ta’ mija u erbgha u erbghin elf tlett mija u**

**hmistax-il ewro u disgha u disghin centezmu (€144,315.99).**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf tlett mija u hmistax-il ewro u disgha u disghin centezmu (€144,315.99), b'dan li skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet:-**

**(a) Is-somma ta' sebghin elf ewro ghandha tithallas mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2010.**
**(b) Il-bilanc kollu ghandu jithallas mhux iktar tard mill-31 ta' Awwissu 2011.**

**Is-socjeta attrici tkun marbuta b'dawn il-modalitajiet ta' hlas diment li l-konvenuti jwettqu kull wahda minn dawn il-kondizzjonijiet.**

**Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenuti bl-imghax kif mitlub.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------